# ŻIEDA TA' KLIEM U TIFSIR

TA' V. MIFSUD BONNICI

(*Miġjub minn G. Cassar Pullicino.*)

(*Jaqbad ma' "Leħen il-Malti" għadd* 236-238).

ĦAF, IĦUF — Ġera, jiġri minn hawn għal hinn.

ĦARBAT — Għarraq.

ĦARBUT — Wieħed li jħarbat.

ĦARRABA — Qanpiena li dari fir-rħula meta t-Torok kienu jaslu għal għarrieda fuq il-Maltin kienu jdoqquha biex min ma kienx imħejji biex jagħmel sidru jaħrab.

ĦABEL — Għodda tad-daqq tat-tajjar imsejħa l-*ħabel tal-għakkies*. *Ħabel tat-tislib*, dak li jsallbu x-xibka (tat-tiben) bih fuq il-karettun; *ħbula tax-xita*, sħab tax-xita; *ħabel*, riedni, tmexxija, amministrazjoni e.g. "*Naf li intom il-ħabel f'idejkom*". *Ħabel*, il-lazz li jgħaddi mar-*Raddiena* u *Qabar* dawwaraniet u jiswa biex hija u ddur ir-raddiena iż-*Żerżur* idur magħha.

ĦABATNI — Sawwatni. *Ħbatna*, tajna.

ĦAFA — (Misem) Battala. *Mistoqsija ħâfa. Minn taħt il-ħâfa* jiġifieri minn taħt ir-riħ, eż. *Daħlulhom minn taħt il-ħâfa. Dar, idur mal-ħâfa*, skariġġa, jiskariġġa fuq post wieħed; baqa', jibqa' jdur mal-mamma (banda waħda), imma dejjem ifittex jiżloq; dar, idur mal-lewża.

ĦAĠĠEĠ — (Għall-pappagall) Mita għajnejh jimtlew bid-dawl igħidu jħaġġeġ għajnejh.

ĦALJA — Mħakka.

ĦALLIEL — Biċċa tal-moħriet taż-żewġ.

ĦANEK — Ġebel maħruġ jew biċċa art maħruġa. "Mill-Port tal-Belt sal-Ponta tal-Mellieħa hemm ħanek jagħmel qasir. Is-sajjieda tarahom idurulek max-xtutiet tiegħu biex jaqbdu l-ħut għax hemm il-mamma tal-ħut — is-sikka.

ĦABBEŻ, IĦABBEŻ — Ġiegħel, iġiegħel il-bhima ddur fuq il-qiegħa bil-maqlub li tkun sejra mita tkun tidres. *Aħbeż. Ħabbeż għal* — għamel għal dak li jkun b'demm ħażin għax infuskat jew irid jitħallas. *Għalih ħabbeż biss*.

ĦAJJAT — Ħażż sing twil bil-lenza mxarrba bl-isponża biż-zappin fuq il-għuwied bħala qies biex fuqu jisserra l-mastrudaxxa.

ĦAJJEB — Ħa r-riħ; għamel tiegħu. *Imbagħad bdejna nħajjbu aħna.* (*pigliare baldanza*). Għameż jew għamel sinjal aktarx biex iwaqqaf jew iżomm; *Tal-Għassa ħajjeb bil-bandiera. Ħajjiblu bil-għakies bla għamel nar; 'K inħu dan ħajjibli* i.e. għidli, sieħli biex turini li ma tridnix.

ĦAJRIEN — Wieħed jitħajjar.
ĦAJJEL — Likkem (in-nassab).
ĦAJT TAD-DELL — Il-ħajt tat-tramuntana (li jagħti għax-Xmiel). *Mill-ħitan tad-dell ma jtirx jiġri n-nida jekk ma jkunx ir-riħ.*
ĦALLA — Ħafna qatet taż-żara' mgħollija fuq xulxin. *Tibni l-ħalla taż-żara.*
ĦNIEŻER TAL-GĦALEL — Li jżommuhom biex ikollhom il-frieħ.
ĦARĠA — Qiesu kemm tieħu jew toħroġ tant; kemm tagħti ħaraġ darba; ngħidu aħna kemm minn hawn u hinn. *Ħarġa xewk.* Ngħidu *ħarġa t'Adam, tursin, patata* meta jkunu mħawla fl-art. Bħalkieku jkunu jiżirgħu jgħidu: *Imxew ħarġa. Ħa ħarġa,* ħa t-trab ma' saqajh. *Kien jieħu kull ħarġa l-kelb mill-għalqa!* Kull ġnien tas-saqwi għandek issiblu *l-ħarġa tal-qasab.*
ĦARRAQ — *Ix-xita tħarraq* jiġifieri tagħmel il-ħrieq, gandotti minn fejn tgħaddi. *Il-wied dejjem iħarraq, ix-xatba nizlet u l-mogħdija nqetgħet.* Iżjed fil-wisa' *tħarraq* tfisser tagħmel il-wied ix-xita wara li tissaqqa l-art. "Ix-xita tagħmel id-deni meta tħarraq".
ĦATTAR, IĦATTAR — Qal; igħid lil dak li jkun minn qabel biex ittih jew iġġiegħlu jiħtar it-triq li għandu jabqad. (Prevenire). "Jiena ħattartha".
ĦTAJTRIET — Dawk il-għudiet li jkunu fuq l-utajjet ta' bagħal idur f'mitħna tal-mixi. Ara: *ħatar;* ċkejkuni *ħtajtar;* iżjed ċkejkuni mara. *ħtajtra;* fil-ktir, *ħtajtriet.*
ĦATAR TAL-ĦART — Għuda ftit twila, b'biċċa ħadida bħal barraxa mwaħħla f'tarf il-wieħed biex iħammlu l-bejta u s-sikka tal-moħriet biha. Il-ħatar tal-ħart ikun magħmul mill-*ħatar,* mnejn taqbad, il-*għatla* biex tobrox, u l-*iskuljata,* rumnell li jaqdi ta' frosta.
ĦAŻQA — Minditta, ħlas bil-ħażin.
ĦAXXIEMA — morsa.
ĦAŻŻIENA — Daħla fuq il-forn fejn jaħżnu u jsaħħnu l-ħatab biex jaqbad.
ĦANŻIRA — Il-għuda ta' mal-art li fuqha jkunu weqfin l-*għarajjes.* Biċċa tar-Raddiena.
ĦARAQ — *Taħarqu qalbu,* għandu mħabba kbira. Eż. Qalbu taħarqu għax-xogħol, qalbu taħarqu għal art twelidu.
ĦAR, IĦIR — Għamel l-ewwel rieda qawwija, fettex b'ħeġġtu jagħmel għal xi ġid: ħirek għal imħabbet għajru, daħal f'rasu l-ewwel ħjiel li jiġbdu lejn xi ħaġa; inġibed b'ħerqa kbira. Eż. *Mita mmorru għandu jħir x'itina* (jixtieq jaf x'jibda jtina); *Dak ix-xwejjaħ tiegħi jaħasra nħir għalih; tħir kif*

*tibda tagħmel; Iħir minn hemm għal hemm* (ma qabadx tant); *Dik it-tifla ħieret għall-flien.*

ĦARKUSA — Sbula mimsusa li messa l-mard u saret minn ġewwa trab iswed mherri bħal polvri maħruq; sbula tar-rmied. Musmar tal-ftila: Eż. *Mita l-musbieħ taqtagħlu l-ħarkusa dawlu jidher usa'; Li kien jinbiegħ il-ħarkus l-isimiċċalampi jagħmel il-flus.* Ħarkusa jgħiduha għal kull ħaġa ċkejkna.

ĦARTA (Pl. ħartiet) — Biċċa drapp li tinqata' mill-ħajjata fit-tifsil biex tagħmel xi skullatura. "Incavo".

ĦASAN — Bajd tal-berwieq.

ĦASSEL — Kiseb bil-qajl il-qajl, bil-għaqal u t-tħawtil; xtara bin-nifs; sar jagħmel minn xi ħaġa bil-ftit il-ftit. Eż. *Ħassilt ħafna bċieċ tax-xoqqa bir-rħis; Ħassel dar bit-tqanċiċ.*

ĦATAMBU — Bniedem żbozz jew ħoxxlu.

ĦASUNA — Ħaxixa li tajba għar-rmied; tagħmel minnha Filfla u Fomm ir-Riħ.

ĦAWLI, ĦAWLIJA — Bhima mara bħal gidja, li qalbet il-ħames xhur u ma għamlet qatt, u avolja tagħmel ta' għaxar xhur sena, igħidulha ħawlija.

ĦAWWAD TAL-BAĦAR — Ħuta għamla ta' ħaġra.

ĦAXIXA TAX-XMIEL jew tat-TRAMUNTANA — Jinħoloq minnha fejn ma jarax xemx. La tinxef joborxuha u jbigħuha bl-użin għaż-żebgħa vjola.

ĦAXXEM — Qaras bejn żewġ ħwejjeġ li jagħfsu flimkien.

ĦERQA — Bħal xewqa taħraq fik, ħrara. Titlob bil-ħerqa.

ĦENDEM — Qanqal mill-qiegħ. Eż. *Mita ħendem id-dinja u qallibha ta' taħt fuq.*

ĦOROT, JOĦROT — Għaġġel, igħaġġel. *Ara l-Għawdxi x'joħrot!*

ĦOTBA. — Għolja. It-tliet ħotbiet ta' Malta l-ewlenin huma: tal-Għalja, il-Munqar u l-Ħotba ta' Ħal Għargħur. Mita s-sajjieda jmorru għall-pistin u jitilfu l-art il Malta jġibuha tliet ħobżiet.

ĦRIERAQ — Ċraret, bċejjeċ. Eż. *Libsa mqattgħa ħrieraq.*

ĦRUQ IN-NAR — Marda jew mess li jbati biha l-qamħ waqt li jkun qed tikber. Wara xi xahar qabel isebbel tibda l-werqa tiegħu tiħmar. Aktarx fl-inbiet tiegħu ikun siker bl-ilma. Eż. *Il-qamħ inżebagħ bi ħruq in-nar.*

*(Fadal).*